MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 32

28 ta' Ottubru 2021

Minuti tas-seduta Nru. 32 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru 2021 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 9.3. **(Ref: (A/5/3/1/Vol XVII; A/5/3/6/Vol VIII**) fil-minuti tas-seduta preċedenti u talbet li din tinqara kif ġej:

*"Bħala parti mill-Milied Mellieħi, is-Sinjura A. Brincat Stellini ssuġġeriet li jkun hemm l-involviment tat-tfal tal-Iskola Primarja, kif ukoll l-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Hija qalet li f'din l-edizzjoni mhux ser ikun possibbli li ssir attività soċjali minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija u għaldaqstant irrakkomandat li jinxtraw kotba għat-tfal li jittrattaw tradizzjonijiet marbuta mal-Milied.".*

1.3. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni wkoll għall-minuta 2.2.8. **(Ref: T/4/7/Vol III)** tas-seduta ta' qabel u pproponiet li din tinqara hekk:

*"Is-Sindku D. Vella qal li fiċ-ċirkostanzi forsi jkun jagħmel sens li r-residenti jiktbu direttament lill-Ministeru u jekk ikun hemm il-ħtieġa jintervjeni l-Kunsill sabiex jispjega s-sitwazzjoni u possibilment isir xi ħaġa simili għal dak li sar fi Triq id-Denċi, li hija parallela magħha. Huwa qal li importanti li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi komunikata lir-residenti.".*

1.4. Il-minuti tas-Seduta Nru. 31, li saret fis-27 ta' Settembru 2022, ġew approvati bl-emendi proposti. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Twaqqif ta' mafkar ta' Jimmy Muscat (M/9)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għamel referenza għall-minuta 5.18.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li saru l-pjanti tal-pedestal u l-bust, kif ukoll ġiet sottomessa applikazzjoni bil-proċedura tad-*Development Notification Order* bil-għan li jinkiseb il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. Saru wkoll kuntatti mad-Deputat Prinċipal u l-Lettur Anzjana fl-Istitut tal-Arti u Xjenzi Soċjali fi ħdan l-MCAST dwar il-possibiltà li l-immodellar u l-ikkastjar fil-bronż isir mill-istudenti.

2.1.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li huwa tkellem mal-familjari tas-Sur Muscat, li minn naħa tagħhom approvaw il-kontenut tal-plakka skont kif ġej:

JIMMY MUSCAT<br>
1949 – 2017<br>
EDUKATUR - STORIKU - KITTIEB<br>
LI ĦABREK GĦAT-TIXRID TAL-GĦARFIEN U L-GĦOŻŻA TAL-WIRT<br>
STORIKU U KULTURALI TAL-MELLIEĦA.<br>
IL-MELLIEĦA SSELLIMLEK.<br>
IL-KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA<br>
____ TA'_______2022

2.1.4. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet, kif ukoll it-test propost fil-minuta preċedenti.

### 2.2.1. Tindif volontarju fil-partijiet urbani tal-lokalità (T/4/2/Vol 27)

2.2.2. Il-Kunsillier R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.19.1. tas-seduta ta' qabel u pproponiet li ssir *clean-up* fit-30 ta' Ottubru 2021 bil-parteċipazzjoni tat-tfal li jattendu l-Mellieħa Football Nursery fi Triq l-Assedju, Triq il-Modd, Triq il-Qigħan, Triq Edward Camilleri, u Ġnien il-Qigħan.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Parteċipazzjoni fil-*Queen's Baton Relay* (A/5/3/Vol XV)

2.3.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna għall-minuta 5.24.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-attività msemmija saret fil-13 ta' Ottubru 2021. Minħabba li kien il-maltemp l-attività bdiet fis-Sala tal-Kunsill u dawk preżenti mxew bil-*baton* sas-sede tal-Mellieħa Sports Club. Is-Sur K Buttigieg qal li ħadu sehem rappreżentanti mill-istess klabb, mill-Mellieħa Baseball Team u l-atleti Annabelle u Duncan Gauci.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)

2.4.2. Saret referenza għall-minuta 5.7.1. fil-minuti tas-seduta preċedenti. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li qed jinġabar it-tagħrif sabiex tiġi sottomessa n-nomina tal-Kunsill sad-data tal-għeluq l-1 ta' Novembru 2021.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

### 2.5.1. *President's Solidarity Fun Run 2021* (K/11)

2.5.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.25.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fil-25 ta' Ottubru 2021 huwa attenda għat-tnedija tal-inizjattivi msemmija fejn l-organizzaturi għarrfu li kull min jieħu sehem fil-mixja jeħtieġ li jkun mlaqqam b'mod sħiħ u jintwera ċ-ċertifikat relattiv. Għaldaqstant huwa mportanti li tinġibed l-attenzjoni tal-pubbliku għal dan ir-rekwiżit meta jinġabru l-flokkijiet u jsir il-ħlas għalihom fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-proposta. Fl-istess laqgħa ntqal ukoll li kull mixja trid tieħu bejn nofs siegħu u tliet

kwarti u tkun fil-gruppi ta' mhux iktar minn mitt persuna kull wieħed. Is-Superviżżjoni tat-traffiku ser ssir mill-Pulizija fuq l-inkarigu tal-*Community Chest Fund*.

2.5.3. Is-Sur K. Buttigieg, qal li r-rispons għall-attività tal-21 ta' Novembru 2021, sad-data tas-seduta kien baxx ħafna u għalhekk huwa importanti li tintuża l-medja soċjali sabiex il-pubbliku u l-għaqdiet tal-lokalità, partikularment dawk sportivi jiġu mħajjra jieħdu sehem.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-suġġerimenti mressaqa.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Tip ta' *U-Barriers* li qed jitwaħħlu fuq il-bankini (T/3/2/Vol XVI)

3.1.2. Il-Kunsillier M. Abela staqsa dwar jekk huwiex possibbli li l-*U-barriers* jiġu sostitwiti ma' *bollards* flessibbli li ma jagħmlux ħsara lill-mirja tal-vetturi.

3.1.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-għoli tal-*barriers* eżistenti għandu jonqos biex jiġu evitati li jintlaqtu l-mirja tal-karozzi.

3.1.4. Ittieħdet nota sabiex dan is-suġġeriment jiġi diskuss mal-kuntrattur konċernat u possibilment attwat.

### 3.2.1. *Hillclimb* f'Dawret il-Mellieħa (A/6/3/2/Vol 62)

3.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel u qal li nħolqot konġestjoni tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier waqt il-*hillclimb* li saret nhar il-Ħadd 24 ta' Ottubru 2021.

3.2.3. Is-Sindku D. Vella kkummenta li tħallew vetturi pparkjati fi Triq Ġorġ Borg Olivier, sabiex ma jkun hemm effett negattiv fuq in-negozji li fetħu dakinhar.

3.2.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li kien hemm nuqqas ta' kordinazzjoni bejn l-uffiċjali li kienu fi Triq Ġorġ Borg Olivier, liema nuqqas ikkawża l-konġestjoni li kien hemm.

3.2.5. Ittieħed nota sabiex dan il-fattur jittieħed in konsiderazzjoni fil-ħruġ ta' permessi fir-rigward ta' avvenimenti simili aktar 'l quddiem.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 26/10/21;
- Skeda ta' Pagamenti – 25/09/21 – 26/10/21;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 29/08/21 – 04/10/21;
- Minuti tar-Reġjun Tramuntana tad-29/09/21 u Aġenda tas-seduta tas-26/10/21;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. PA 7241/21 – Żvilupp bejn Triq il-Qarnit u Dawret it-Tunnara (P/5/8/Q)

5.1.2. Saret referenza għal applikazzjoni msemmija li tinvolvi l-bini ta' 96 garaxx u 10 appartamenti, kif ukoll 10 qtajja residenzjali. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fil-21 ta' Ottubru 2021 saret rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar fid-dawl tal-appell li sar mill-Kunsill dwar il-permess PC 0025/20, li għadu *sub judice*.

5.1.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

5.2.1. **Fond Ambjentali - BELLUS** **(P/2/1)(P/4/22)**

5.2.2. Saret referenza għal sejħa maħruġa mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) li għalqet fil-25 ta' Ottubru 2021 dwar il-finanzjament ta' inizjattivi ambjentali. Sabiex ma' tintilifx din l-opportunità ġew ikkunsidrati tliet proġetti li huma eliġibbli skont il-kriteri stabbiliti, li jinvolvu l-bini ta' ġwiebi biex jaqbdu l-ilma tax-xita fi Ġnien il-Qigħan, Ġnien tas-Salib, u tnejn oħra fi Triq Għajn Żejtuna. L-istimi rispettivi bil VAT eskluża, jammontaw għall-€42,355 fil-każ ta' Ġnien il-Qigħan; €20,840 fir-rigward ta' Ġnien tas-Salib.

5.2.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg staqsa dwar jekk l-istima tinkludix ukoll sistema ta' irrigazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-*bill of quantities* jinkludi l-iskavar, kostruzzjoni

5.2.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li l-ġwiebi ta' Triq Għajn Żejtuna huma koperti bil-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA 5501/18 u PA5478/18), iżda rriżulta li dawn mhumiex eliġibbli peress l-ispiża totali taqbeż is-somma ta' €100,000, u fil-fatt telgħet għal €674,420 mingħajr il-VAT. Huwa qal ukoll saru applikazzjonijiet għall-permess mal-Awtorità tal-Ippjanar bil-proċedura tal-*Development Notification Order* fil-każ tal-ġwiebi proposti fi Ġnien il-Qigħan u Ġnien tas-Salib.

5.2.5. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 5.3.1. Lezzjonijiet tad-drama fiċ-Centru ta' Matul il-Jum **(A/1/1/Vol II)**

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 8 ta' Ottubru 2021 mid-direzzjoni taċ-ċentru fejn intalab li jsir kors ieħor tad-drama minħabba l-konkorrenza tajba li kien hemm. L-ispiża tammonta għal €180.

5.3.3. Il-Kunsill laqa' l-proposta.

## 5.4.1. Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita' **(F/1/7/Vol VI)**

5.4.2. Saret referenza għal ċirkulari mibgħuta mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali datata 25 ta' Ottubru 2021 dwar l-iskema msemmija. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li fis-sena preċedenti kienet saret talba li ġiet approvata taħt din l-iskema sabiex isir il-panoramic lift minn Triq l-Inkurunazzjoni għall-Misraħ il-Parroċċa.

5.4.3. Bħala eżempji ta' proġetti li jistgħu jiġu ffinanzjati minn dan il-fond ġie spjegat li jista' jkun hemm:

- Provediment ta' trasport intra-komunitarju preferibilment ta' l-elettriku għar-residenti bi bżonnijiet speċjali u dawk vulnerabbli
- Aċċessibilità adekwata f'postijiet pubbliċi li jistgħu jinkludu *lifts*, spazji għas-siġġijiet tar-roti, rampi eċċ
- Proġetti u provediment ta' apparat li jħeġġu attivitajiet rikrejattivi, fiżiċi u sportivi għal dawk l-individwi vulnerabbli u dawk bi bżonnijiet speċjali
- Provediment u manutenżjoni ta' apparat u faċilitajiet oħra speċifiċi f'żoni pubbliċi li jinkoraġixxu l-mobilita', nkluż żoni ġo *housing estates* li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsilli Lokali
- Provediment ta' kull tip ta' informazzjoni fil-lokalita' b'diversi metodi u lingwi nkluż dik tas-sinjali u *Braille signage* għal nies b'diżabilità viżwali
- Provediment ta' informazzjoni u gwida individwali b'mezzi varji sabiex nilħqu lir-residenti kollha

- Il-proġetti proposti għandhom jieħdu in konsiderazzjoni it-tnaqqis ta' tniġġis fl-arja

- Programm ta' taħriġ, fejn informazzjoni u taħriġ prattiku jingħata lil persuni b'diżabilita', skont il-bżonnijiet tagħhom, bl-għan ewlieni li jappoġġjaw u jiffaċilitaw bżonnijiet ta' aċċessibilita' ta' kuljum.

5.4.5. Il-Kunsill ma ndika ebda proġett fid-dawl tal-applikazzjoni li saret sena qabel dwar il-*lift* bejn Triq l-inkurunazzjoni u Misraħ il-Parroċċa.

5.5.1. ***Lift* bejn Triq l-Inkurunazzjoni u l-Belveder tas-Sur** **(F/1/7/Vol V)(P/8/4)**

5.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-Kurja approvat li l-art bejn iż-żuntier tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u l-garaxxijiet fi Triq l-Inkurunazzjoni tintuża sabiex isir lift għall-użu mill-pubbliku. B'riżultat ta' dan, il-perit inkarigat iffinalizza l-pjanti u ser jissottomettihom għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità tal-Ippjanar. Kopja tal-pjanti ġiet murija waqt is-seduta.

5.5.3. Il-Kunsill approva l-pjanti mressaqa.

### 5.6.1. Konsum fil-latrini pubbliċi **(L/3/Vol III)**

5.6.2. Saret referenza għall-imejl datata 28 ta' Settembru 2021, fejn il-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni qed tesiġi li l-kontijiet tal-elettriku u l-ilma tal-latrina pubblika li tinsab f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II jgħaddu fuq il-Kunsill. Qed jitolbu wkoll li għandha ssir talba lill-Awtorità tal-Artijiet biex anke l-binja nfisha tiġi reġistrata fuq il-Kunsill. Jidher li l-għan aħħari tad-Diviżjoni huwa li dan jiġi estiż għal-latrini tal-Mixquqa, fl-Għadira, u l-Armier.

5.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-materja għandha tiġi ċċarata fid-dawl tal-artiklu 33(b) tal-Att Dwar Gvern Lokali fejn huwa stipulat li fost funzjonijiet oħra l-Kunsilli Lokali huma responsabbli *għaż-żamma tal-indafa u l-manutenzjoni u ż-żamma tal-konvenjenzi pubbliċi kollha*.

### 5.7.1. Arranġamenti tat-traffiku qrib iċ-*Ċentru għal Kura tat-Tfal* fi Triq Qasam Barrani **(T/3/2/Vol XVI)**

5.7.2. Saret referenza għal imejl datata 11 ta' Ottubru 2021 fejn Transport Malta qalu li hija proċedura normali li fejn ċentri għall-kura tat-tfal / kindergarten jiġu riżervati spazji biex jakkomodaw il-vetturi ta' min iġib u jieħu lit-tfal. Intqal ukoll li Transport Malta lesta tikkonċedi li din tkun ta' daqs skont li jindika l-Kunsill. Aċċennaw ukoll li ċ-ċentru u l-kindergarten jinsab fil-bini attwali sakemm tiġi estiża l-binja tal-iskola, li mistennija titwettaq dalwaqt.

5.7.3. Fid-dawl tal-insistenza minn naħa ta' Transport Malta l-Kunsill qabel li għandhom jiġu riżervati tliet postijiet għall-ipparkjar waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal li jattendu l-kindergarten.

### 5.8.1. SPI/SCI/7/2021 Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali **(F/1/7/Vol VI)**

5.8.2. Saret referenza għal ċirkulariSPI/SCI/7/2021 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fit-12 ta' Ottubru 2021, sabiex proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew mwettqa mill-Gvern Ċentrali jinżammu fi stat tajjeb. Huma eliġibbli għall-finanzjament:

- Dawk il-Kunsilli Lokali li fil-Lokalita' tagħhom ġie mwettaq proġett mill-Gvern Ċentrali mis-Sena 2011 'l hawn huma eliġibbli li japplikaw għal dan il-fond;

- Xogħlijiet u servizzi li għadhom koperti bil-garanzija mhumiex eliġibbli;

- Kunsilli Lokali li bbenefikaw minn fondi permezz ta' din l-iskema fi snin li għaddew mhumiex eliġibbli li japplikaw din is-sena taħt din l-iskema;

- Kunsilli Lokali li bbenefikaw minn xi skema oħra maħruġa mid-Direttorat għall-istess proġett mhumiex eliġibbli għal dan il-finanzjament.

5.8.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni bil-għan li titwettaq il-manutenzjoni meħtieġa fid-*dressings rooms* tal-Park tal-Familja, ħalli tikkumplimenta talba preċenti li saret f'April 2021 taħt l-iskema SPI/SCI/2/2021 dwar Finanzjament għal Żvilupp u Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-*Playing Fields,* li tinvolvi tiswijiet meħtieġa fil-*multi-purpose court.*

### 5.9.1. Ġbir ta' skart riċiklabbli minn stabbilimenti kummerċjali (K/6/11)

5.9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li qed kontinwament tinġibed l-attenzjoni mir-residenti li jkun hemm ċerti toroq illi jinqabżu f'dak li huwa ġbir ta' skart riċiklabbli. Dan qed jinġieb għall-attenzjoni tal-iskema GreenPak, li minn naħa tagħha wieġbet permezz ta' imejl datat 27 ta' Ottubru 2021, fejn sostnew li l-Kunsill għandu jindirizza din il-kwistjoni billi l-ġbir bieb bieb huwa primarjament immirat lejn residenzi u mhux ħwienet kummerċjali. Fil-fatt fit-18 ta' Ottubru 2021 bgħatu ċirkulari lill-Kunsilli Lokali kollha konċernati, fejn għarrfu li jekk il-Kunsilli jridu jkomplu jagħtu dan is-servizz, l-iskema lesta tagħtiħ bi ħlas.

5.9.3. Intant permezz ta' imejl datat 19 ta' Ottubru, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għamlet referenza għall-korrispondenza mibgħutha lil diversi Kunsilli Lokali mill-Koperattiva GreenPak rigward nuqqas ta' ġbir ta' kartun mill-istabbilimenti kummerċjali. L-Awtorità kitbet lill-iskema biex tiġbdilhom l-attenzjoni li bħala skema huma obbligati mill-permess ambjentali (EP 0132/20), kif ukoll mill-liġijiet ambjentali sabiex jiġbru l-skart muniċipali tal-ippakkeġġjar, irrispettivament minn fejn joriġina dan l-iskart, jew min iġġeneraħ. Għaldaqstant GreenPAK intalbu jirtiraw l-komunikat u jonoraw l-obbligi tagħhom, kif mitlub mill-permess u mill-liġi.

5.9.4. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza.

### 5.10.1. Laqgħa mat-*Touring Caravan Association* (C/4/Vol VI)

5.10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal-laqgħa li saret mal-Assoċjazzjoni msemmija fil-11 ta' Ottubru 2021. Permezz ta' imejl datat 28 ta' Ottubru 2021, l-istess assoċjazzjoni appellat sabiex l-*gentlemen's agreement* dwar l-użu tal-art fil-Qortin it-Twil, jiġi estiż għas-sena kollha.

5.10.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li minn żmien għal żmien jinħarġu permessi għall-ikkampjar għall-art tal-Qortin it-Twil, partikularment fl-istaġun tal-kaċċa.

5.10.4. Ġie osservat li fil-laqgħa tal-11 ta' Ottubru 2021 kien spjegat li l-Kunsill m'għandu ebda kompetenza dwar l-amministrazzjoni tal-art in kwistjoni, filwaqt li hemm *bye-laws* fis-seħħ li jawtorizzawħ joħroġ permessi għall-ikkampjar. Minkejja dan, il-Kunsill tenna li ma jsibx oġġezzjoni sakemm: (a) il-*caravans* jinġiebu fuq il-post bejn Lulju u Settembru, u (b) in-numru tagħhom ikun limitat għal tlettax, skont lista li ntbagħtet lill-Kunsill f'Ġunju 2010.

### 5.11.1. Sessjoni Informattiva - *Working Towards Safer Communities* (A/2/Vol XI)

5.11.2. Saret referenza għal ċirkulari mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fil-11 ta' Ottubru 2021, fejn huwa ġie mistieden jattendi l-attività msemmija li seħħet fit-18 ta' Ottubru 2021. L-istedina kienet intiża sabiex jaqsam l-esperjenza tal-Kunsill wara sentejn mill-introduzzjoni tal-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.12.1. Attivitajiet kulturali organizzati mir-Reġjun Tramuntana (A/5/5/Vol X)**

5.12.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li r-Reġjun Tramuntana ser jerġa' jorganizza l-*International Christmas Choirs Festival* fit-3, l-4, u l-5 ta' Diċembru 2021. Dawn ser ikunu ta' siegħa u nofs kull wieħed fil-lokalitajiet msieħba.

5.12.3. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll li r-Reġjun Tramuntana ser jagħmel tajjeb għall-wirjiet pirotekniċi fl-Ewwel tas-Sena, u ser jikkontribwixxi €1,000 jekk dawn jingħataw mill-art, jew €600 f'każ li jsiru minn fuq il-bjut. Huwa qal li jeħtieġ tingħata tweġiba dwar liema tip jixtieq li jsir il-Kunsill.

5.12.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti skont il-minuta 5.12.2. aktar 'il fuq, filwaqt li qabel illi il-wirja piroteknika għandha tkun mill-art.

**5.13.1. Attivitajiet għall-anzjani (A/1/1/Vol II)**

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fis-7 ta' Ottubru 2021 hija attendiet taħdita għall-persuni li jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum, li kienet titratta il-kanċer tas-sider.

5.13.3. Is-Sinjura Brincat Stellini aċċennat ukoll li matul ix-xhur ta' Novembru u Diċembru 2021, persuni li jattendu ċ-ċentru ser ikunu nvoluti f'xogħol ta' artiġġjanat li eventwalment ser ikun qed jikkompeti ma' dak ta' persuni li jattendu ċentri oħra. Hija pproponiet li l-Kunsill jagħmel tajjeb għall-materjal meħtieġ.

5.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll approva l-proposta skont il-minuta 5.27.3.

**5.14.1. Servizz tal-karozzi tal-linja għall-istudenti tal-MCAST (T/5/1/Vol II)**

5.14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li l-ewwel karozza linja fuq ir-rotta X1A, bejn iċ-Ċirkewwa u l-MCAST ta' Raħal il-Ġdid qed titlaq fis-06:40 am. Hija qalet li din jeħtieġ li titlaq għallinqas kwarta qabel sabiex l-istudenti jaslu fil-ħin għall-ewwel lezzjoni.

5.14.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li dan l-ilment ser jinġieb għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

**5.15.1. Estimi u Pjan ta' Ħidma tar-Reġjun Tramuntana (F/1/32)**

5.15.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li attwalment ir-Reġjun Tramuntana qed jiddiskuti l-estimi u l-pjan ta' ħidma, u għaldaqstant ser isejjaħ konferenza annwali fis-27 ta' Novembru 2021 fl-10.00am. Il-post ser jitħabbar aktar 'il quddiem.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.16.1. Ftehim iffirmat mad-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni (K/6/6)**

5.16.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-korrispondenza datata l-1 ta' Ottubru 2021 mibgħuta mid-Diviżjoni msemmija u talbet kopja tal-ftehim li ġie ffirmat.

5.16.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

**5.17.1. Bankina perikoluża fi Triq il-Kbira (C/6/Vol VIII)**

5.17.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni għal kaptell perikoluż f'bankina li tinsab fi Triq il-kbira bejn Triq Snajjin u Triqi Franġisk Zahra.

5.17.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ħa nota.

**5.18.1. Ipparkjar ikkontrollat bil-ħin fi Triq Sant' Anna (T/3/2/Vol XVI)**

5.18.2. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li tul it-triq imsemmija jiġi ntrodott parkeġġ limitat bil-ħin sabiex is-sitwazzjoni kkawżata attwali bl-iżvilupp li għaddej ma tibqax taffettwa ħażin in-negożji fl-istess triq.

5.18.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg kkummenta li l-iżvilupp li għaddej qed ikollu effett negattiv anke fuq ir-residenti ta' l-istess triq, kif ukoll fuq dawk ta' Triq in-Nofsinhar u Triq il-Kappillan Magri. Fil-każ tal-aħħar ġie eliminat l-ipparkjar totalment, filwaqt li intilfu mill-inqas żewġ postijiet oħra fi Triq Sant' Anna li ġew okkupati mill-imwejjed u siġġijiet. Huwa qal li għaldaqstant ikun għaqli jekk wieħed jistenna sabiex jitlesta l-iżvilupp li għaddej, għaliex iż-żieda ta' aktar restrizzjonijiet ċertament li toħloq aktar frustrazzjoni.

5.18.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li hekk kif il-bini li għaddej jiġi fil-livell tat-triq, il-*hoarding* eżistenti għandu jiġi rtirat lura.

5.18.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jinżamm l-i*status quo*, salv dak propost fil-minuta 5.18.4.

**5.19.1. Periklu fi Triq il-Kbira biswit Misraħ tas-Salib (T/3/2/Vol XVI)**

5.19.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni għall-periklu li jeżisti fil-korsija għat-traffiku li jkun sejjer fid-direzzjoni ta' Selmun, minħabba l-kurva li hemm qabel il-kantuniera ma' Triq Għajn Żejtuna. Huwa ppropona li għandha ssir talba lil Transport Malta u lill-Infrastructure Malta sabiex jikkonsidraw li l-wiċċ tal-korsija msemmija jingħata kisja b'materjal *anti-skid*, kif sar fuq il-pont tal-Mistra.

5.19.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**5.20.1. Trasport għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)**

5.20.2. Il-Kunsillier I. Castillo qal li l-kuntrattur imqabbad mill-Kunsill sabiex jagħti s-servizz imsemmi qed jirrifjuta li jidħol fi Triq il-Parroċċa minkejja li hemm domanda minn persuna anżjana li ma tistax timxi.

5.20.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini wieġbet li hemm problema bid-daqs tal-*minibus* użat biex jidħol fi Triq il-Parroċċa. Hija qalet ukoll li problema bħal din forsi tista' tingħeleb bis-servizz offrut mid-Dipartment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, magħruf bħala Silver T li jikkonsisti fi transport lokali lil persuni anzjani sabiex ikunu jistgħu jagħmlu il-qadi tagħhom fil-komunità, mingħajr ma joqgħodu jiddependu fuq il-familjari u l-ħbieb tagħhom.

5.20.4. Ittieħdet nota sabiex isir kuntatt mal-kuntrattur konċernat li huwa obbligat jirrendi servizz mill-partijiet kollha tal-lokalità.

**5.21.1. Proġett taħt il-programm ERASMUS+ (P/10/35)**

5.21.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-proġett imsemmi, li l-implimentazzjoni tiegħu ġiet posposta sal-31 ta' Lulju 2021, minħabba l-pandemija. Meta ntalbet l-ewwel estensjoni fit-30 ta' April 2020 l-implimentazzjoni kellha ssir sat-31 ta' Lulju 2021. It-tieni estensjoni intalbet f'Settembru 2021, iżda pemezz ta' ittra datata 25 ta' Ottubru 2021, din it-talba ma ġietx aċċettata peress li daħlet wara l-iskadenza tal-ewwel estensjoni. Għaldaqstant, il-proġett waqa' u l-awtorità ta' ġestjoni, l-*European Union Programmes Agency*, talbet il-ħlas lura ta' €22,548.

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.22.1. Proġett – *Young Achievers* (Z/1/Vol II)**

5.22.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li l-proġett imsemmi jrid jitwettaq sat-30 ta' Novembru 2021 wara li ġew rilaxxati xi restrizzjonijiet tal-pandemija. Id-dokomentazzjoni sabiex tiġi rkuprata l-għotja trid tiġi sottomessa sal-10 ta' Diċembru 2021.

5.22.3. Is-Sur K. Buttigieg ippropona li jsir sports rally bl-involviment tat-timijiet tal-baseball, netball, flimkien mal-Mellieħa Football Nursery. Issuġġerixxa wkoll li l-fondi mogħtija jintefqu fuq il-promozzjoni tal-inizjattiva nfisha, ix-xiri tal-medalji u t-tagħmir sportiv li huwa meħtieġ.

5.22.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 5.23.1. *Euromed International Sailing Championships* (S/6/Vol VI)

5.23.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li huwa ġie kkuntattjat mill-President tal-Malta Sailing Federation, dwar l-avveniment imsemmi li ser jiżvolġi bejn s-17 u l-21 ta' Diċembru 2021 fil-Bajja tal-Mellieħa, bis-sehem ta' kompetituri mill-Iżrael, ir-Russja; id-Danimarka, in-Norveġja, l-Ungerija u Malta. Sar appell sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment.

5.23.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-involviment tiegħu f'din il-kompetizzjoni m'għandux jaqbeż €400, kif ukoll ma' sabx oġġezzjoni li jinġieb *container* fuq ir-ramla sabiex jitqiegħed it-tagħmir meħtieġ għal dan l-avveniment.

### 5.24.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021 (F/5)

5.24.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ser issir fil-Malta Fairs and Conventions Centre f'Ta' Qali, bejn il-5 u l-11 ta' Novembru 2021. Hija qalet ukoll qed jiġu kkuntattjati persuni sabiex jattendu fl-i*stand* tal-Kunsill. Il-ħlas tal-parteċipazzjoni huwa ta' €230. L-istess kunsilliera kkummentat li l-Kunsill għandu jevalwa jekk għandux jibqa' jieħu sehem fil-festiva fid-dawl tal-isforzi li jsiru u r-riżultati li dawn iħallu.

5.24.3. Il-Kunsill ħa nota u approva l-azzjonijiet li ttieħdu. Kien hemm qbil ukoll li għandu jkun hemm prezzijiet ridotti għall-okkażjoni tal-festival.

### 5.25.1. Żjara mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm (M/9/Vol VI)

5.25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, għarrfet li l-*mobile blood unit* ser ikun fil-Mellieħa nhar il-Ħadd 31 ta' Ottubru 2021 bejn it-8:30am sas-1:00pm. Hija qalet li t-tneħħija tal-vetturi li jkunu pparkjati ser isir mill-Uffiċjali tal-Komunità.

5.25.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.26.1. *European Week of Sports* (S/4/2/Vol V)

5.26.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal ċirkulari mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fis-6 ta' Awwissu 2021 li għaliha pparteċipaw tletin persuna. Attendew ukoll il-Kunsillier K. Buttigieg u s-Sindku, flimkien ma' żewġ membri mit-tim tal-Pulizija tal-Komunità u numru ta' anzjani. Ħadu sehem uffiċjali minn SportMalta li qassmu *handouts - Be Active* - li jippromwovu l-attività fiżika. Saret mixja ta' ħames kilometri mill-Park tal-Familja. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet li kien hemm kliem ta' nkoraġġiment mill-uffiċjali ta' SportMalta sabiex din it-tip ta' attività tibqa' issir. Sar ukoll rapport li ġie mgħoddi lill-promoturi ta' din l-inizjattiva.

5.26.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 6.1. Sejħa għall-kwotazzjonijiet CfQ: MLC 4/2021 – Provista u Installazzjoni ta' Dwal Dekorattivi tal-Milied (T/4/15/Vol II)

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li saret sottomissjoni waħda mis-Sur Carl Caruana li tammonta għall-€9,130.00 (eskluża l-VAT).

6.3. Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni magħmul mis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillier E. Bartolo, intalab sabiex jevalwa u jipproċessa l-offerta.

6.4. Waqt id-diskussjoni fuq is-suġġett t'hawn fuq, il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li għal darba oħra, r-Reġjun ser jikkontribwixxi għat-tiżjin tat-toroq fil-perjodu tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena sa massimu ta' €2,000.

6.5. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu ndikati żewġ toroq oħra, apparti dawn inklużi fid-dokument CfQ: MLC 4/2021, u ssemmew Triq San Pawl u Triq Salvinu Vella, sakemm mhemmx problemi biex jintramaw id-dwal. Kien hemm qbil ukoll li għandha tinħareġ sejħa sabiex jinkisbu stimi apparti.

**7.1. Sejħa għall-offerti CfT: MLC 4/2021 – Provista, installazzjoni, ittestjar u kkummisjonar ta' sistema dwar monitoraġġ permezz ta' CCTV f'diversi postijiet fil-Lokalità tal-Mellieħa** **(C/9)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għaraf li s-sejħa ser tagħlaq fid-29 ta' Ottubru 2021.

7.3. Il-Kunsill qabel li l-offerta għandha tiġi evalwata mill-Kumiat ta' Evalwazzjoni magħmul mis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillier E. Bartolo, wara li ssir evalwazzjoni teknika mill-konsulenti mqabbda fuq dan il-proġett.

**8.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi** **(A/5/3/1/Vol XVII) (A/5/3/6/Vol VIII)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li għaddejjin it-tħejjijiet dwar iż-żewġ avvenimenti u sad-data tas-seduta ġew stabbiliti l-ispejjeż segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Voca Gospel Choir Performance fil-knisja tal-Manikata għall-15.12.2021 | 900.00 |
| 2 | *Hand Saniters* awtomatiċi u *temperature checker sabiex jintużaw* f'Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi 2021 | 486.16 |
| 3 | Servizz ta' fotografu għal Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi | 472.00 |
| 4 | Iddinsinjar ta' logos għall-Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi | 480.00 |
| 5 | Servizz ta' sigurtà għal Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi | 637.67 |
| 6 | Risk Assessment Report dwar l-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi - 16 - 19/12/2021 | 295.00 |
| 13 | Kunċert live - Milied Mellieħi - 18/12/2021 | 5,428.00 |
| 14 | Kunċert live - Milied Mellieħi - 17/12/2021 | 6,726.00 |
| 15 | Kunċert live - Milied Mellieħi 2021 - 19/12/2021 | 2,000.00 |
| 24 | Kiri u tħaddim ta' tagħmir tal-audio- Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi - 16 - 17/12/2021 | 5,218.55 |

| | | |
|---|---|---|
| 25 | Kiri u tħaddim ta' tagħmir tal-audio - Milied Mellieħi – 18-19/12/2021 | 4,687.55 |
| 26 | Parti mużikali u vokali - Jum il-Kunsill | 550.00 |
| 27 | Xiri ta' kotba għat-tfal b'tema natalizja li jitqassmu waqt Milied Mellieħi | 1,735.36 |

29,616.29

8.2. Il-Kunsill approva l-infieq imsemmi abbażi tal-eżitu' tal-applikazzjoni li saret permezz tal-iskema *SPI*/SCI/3/2021 - Finanzjament Milied 2021

**9.1. PA/09876/19 & PA/01948/20 – Pubblikazzjoni tar-Rapport dwar l-Impatt Ambjent dwar l-iżvilupp mill-ġdid tal-Mellieħa Bay Hotel (P/5/8/G)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono irrefera għad-dokumentazzjoni li huwa għadda dwar dan is-suġġett lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta. Irrefera għas-sunt mhux tekniku tar-Rapport dwar l-Istudju tal-Impatt Ambjentali, partikularment għall-aspetti li aċċenna l-iktar fuqhom il-Kunsill fil-kuntatti li kien hemm s'issa. Fost il-punti li saret referenza għalihom fis-sunt kienu s-segwenti:

| | |
|---|---|
| 28 | In-numru ta' kmamar. |
| 29 | Il-pajsaġġ (*landscaping)* – siġar li ser jitneħħew u oħrajn li ser jinżammu. |
| 30 | Kif ser tiddawwal il-binja fuq barra. |
| 36 | Il-perjodu li matulu huwa ppjanat li jsir ix-xogħol. |
| 37 | L-installazzjoni ta' *stone crusher* fuq il-post. |
| 38 | X'ser jiġri mit-terrapien u l-ħamrija. |

9.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li mill-kummenti li kien hemm fl-istampa, intwera tħassib dwar:

- *Footprint* ikbar tal-binja proposta;
- L-għoli tal-binja prosta ser ikun iktar minn dak attwali;
- L-ispażju għall-ipparkjar propost ser ikun biżżejjed biex jieħu terż tal-kmamar proposti, u allura r-residenti fil-lukanda, klijenti oħra, u l-impjegati ser ikollhom jagħmlu użu mill-parkeġġ li sar fil-qrib; u
- L-aċċessibiltà għal xatt-il baħar.

9.4. Il-Kunsillier E. Bartolo esprima d-dubji tiegħu kemm it-terrapien li jiġi ġġenerat mill-eskavar huwa tajjeb biex jiġi riċiklat, meta wieħed iqis il-ġeoloġija tal-inħawi u l-movimenti li għamlet il-lukanda matul is-snin, flimkien mal-miżuri li kellhom jittieħdu, biex tiġi assikurata l-istabilità tal-bini.

9.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa oħra mal-konsulenti mqabbad jagħmel ir-rapport fit-3 ta' Novembru 2021 fis-7.00 pm. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li d-data tal-għeluq għar-rappreżentazzjonijiet hija s-16 ta' Novembru 2021.

**10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 26 ta' Ottubru 2021.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn id-29 ta' Awwissu u l-4 ta' Ottubru 2021.

10.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-25 ta' Settembru u s-26 ta' Ottubru 2021.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri eletti preżenti, is-seduta spiċċat fil-10.00 pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |